MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 578/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited**

**Vs**

**Joseph Seychell u Antoine Seychell**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u tmienja u disghin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm298.36) rapprezentanti l-hlasijiet effettwati mis-socjeta' attrici ai termini tal-Att Dwar Assigurazzjoni ta' vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta) in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Denise Caruana vs Antoine Seychell (Avviz Nru 1378/01/JR – decisa 26 ta' Marzu

2002), li kienu jirrigwardaw l-incident awtomobilistiku li sehh  fit-2 ta' April 2000, gewwa Misrah is-Summit, B'Bugia bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut Antoine Seychell u assikurata f'isem Joseph Seychell, bin-numru ta' registrazzjoni GAD 941 u l-vettura proprjeta' ta' l-imsemmija Denise Caruana bin-numru ta' registrazzjoni JAZ 062, u dan wara illi l-konvenuti naqsu milli jinformaw lis-socjeta' attrici dwar l-istess proceduri gudizzjarji msemmija, bhal ma l-konvenuti kienu obbligati illi jaghmlu ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 23 ta' Jannar 2003, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti baqghu ma ipprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema' lil Avv. Dr James D'Agostino jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadhu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm298.36 (mitejn u tmienja u disghin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu) rapprezentanti rifuzjoni ta' hlasijiet maghmula ai termini tal-Kap 104.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------